MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 214/2006

**Sally Anne Gatt ( ID 169992 M)**

**Vs**

**Mark Muscat ( ID 575776 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attrici ddikjarat illi skond kunrtratt ta' separazzjoni datat 29 ta' Settembru, 2004, fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia gie patwit fil-klawsola numru 7(3) illi l-manteniment jigi rivedut fl-1 ta' Settembru ta' kull sena bi proporzjon ghaz-zieda skond l-indici ta' inflazzjoni.

Illi l-indici ta' meta gie ffirmat l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni kien ta' sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltin u erba u tmenin centezmu (Lm646.84c), filwaqt li l-indici applikabbli ghas-sena 2005 huwa ta' sitt mija u erba u sittin Lira Maltin u tmiena u tmenin centezmu (LM664.88c).

Illi, ghalhekk il-manteniment ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) fix-xahar ghandu jizdied mill-1 ta' Settembru, 2005 ghall-mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm133.62 ( i.e. 130 x 664.88 \646.84).

Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-attrici mill-konvenut bhala manteniment mill-1 ta'Settembru, 2005 sal-1 ta' Marzu, 2006 huwa ta' disgha mija u hamsa u tletin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm935.34c).

Illi l-konvenut madanakollu ghall-perodu fuq imsemmi hallas biss l-ammont ta' disgha mija u ghaxar liri Maltin (Lm910).

Illi l-attrici talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm25.34c).

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut .

Ra in-nota ta'ammissjoni pprezentata mill-konvenut , li fiha ammetta t-talbiet attrici.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, dan it-Tribunal u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin erbgha u tlettin centezmu (Lm25.34c), dovuti bhala bilanc ta' zieda ta' manteniment skond kuntratt ta' separazzjoni redatt u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia fl-1 ta' Settembru, 2004 ghall-perjodu bejn 1 ta' Settembru, 2005 sal- 1 ta' Marzu, 2006.

Bl-ispejjes konra l-konvenut, flimkien mill-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------